**ĦAL TARXIEN**

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

Minuti Laqgħa Straordinarja Nru. 27/06

* Il-Kunsill ltaqa' nhar
It-Tnejn 14 ta' Frar 2011 fil-5.30pm
fl-Uffiċċji Amministrattivi
f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa: — Attendenza

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sinj. Cl. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

Preżenti wkoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur R. Cutajar.

*** Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

**1.1** Is-Sindku ta merħba liż-żewġ *Accountants* li ġew mitluba jattendu biex jagħtu spjegazzjoni tal-estimi finanzjarji li ġew ippreparati minnhom biex wara jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali u lill-Awditur maħtur mill-Gvern Ċentrali *Messrs* A3 *Accountants*. Merħba

**1.2** Is-Sur Craig qal li huma assistew lis-Segr. Eżekuttiv biex jinħareġ id-dokument li qed jiġu diskuss llum.

## 2.0 Spjegazzjoni mill-Accountants tal-Kunsill dwar "Bdil tal-Policy fl-Accounting tal-Grants"

**2.1** Is-Sur R. Cutajar, *Accountant*, irrefera għall-Memo tal-Dipartiment Gvern Lokali li fiha struzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkonsidrati l-'*Grants*' mogħtija mill-Gvern lill-Kunsilli Lokali.

**2.2** Kompla jgħid li dawn il-*Grants* għandhom jidħlu bl-'*Income Method'* skond l-*istandards* tal-*Accounting*. Grants

**2.3** Qal ukoll li d-Dipartiment Gvern Lokali qed jitlob li l-*Grants* kollha li ġew allokati lill-Kunsill għandhom jiġu kkalkulati bis-sistema '*Retrospective'*, jiġifieri b'lura mill-ewwel darba li ingħataw. Dan ifisser mill-bidu tal-Kunsill Lokali.

**2.4** Spjega wkoll li dan hu eżerċizzju vast li jieħu ħafna ħin kemm tal-impegati tal-Kunsill kif ukoll biex jiġu aġġustati l-kotba b'lura minn dak iż-żmien.

**2.5** Is-Sur Craig, *Accountant*, intervjena u qal li hemm il-possibilta' wkoll, jekk il-Kunsill iħoss li dan l-eżerċizzju mhux prattikabbli, li din is-sistema ta' '*income method'* minflok '*capital approach'*, tibda minn din is-sena 'l quddiem. Imma dan għandu jitnizzel fin-noti tal-Estimi Finanzjarji.

**2.6** Għall-mistoqsija tas-Sur L. Bonavia, dwar x'inhuma l-kriterji biex isir dan, is-Sur Craig wieġeb li dan l-eżerċizzju, kif intqal qabel, jieħu ħafna ħin u żmien tal-ħaddiema biex ikunu allokati fuq dan ix-xogħol.

*(Is-Sur I. Dalli u s-Sinj. C. Lanzon attendew fis-5.55pm).*

**2.7** Is-Sindku irrimarka li mhux prattiku u mhux ser jasal biex jaċċetta li jiddelega lis-Segr. Eżek., ikun min ikun, li jintilef ifittex dak kollu meħtieġ għal dan l-eżerċizzju u jħalli lura x-xogħol l-ieħor ta' kuljum.

**2.8** Is-Sindku kompla jgħid li dan hu kollu tfixkil għall-Kunsilli Lokali u hu impossibbli li jsir.

**2.9** Qal ukoll li għandu xogħol ieħor iżjed importanti xi jwettaq lejn ir-residenti.

**2.10** Il-Viċi Sindku irrimarka li min-naħa l-oħra ma rridux niftehmu li ma rridux nikkoperaw u niksru l-Liġi.

**2.11** Is-Sur Craig reġa' tenna li sakemm fl-estimi tal-Kunsill li jridu jiġu approvati jkun hemm in-nota imsemmija, il-Kunsill ikun qed jaġixxi regolari. (irreferi Paġna 11 tal-Estimi Finanzjarji 2010). Nota fl-Estimi

**2.12** Ibbażat fuq dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jibdel din is-sistema ta' *Accounting* prospettivament b'effett mill-1 ta' Jannar 2010 skont il-gwida provduta mill-IAS 8.

## 3.0 Approvazzjoni tal-'Financial Statement 2010'

**3.1** Is-Sur R. Cutajar ta spjegazzjoni dettaljata filwaqt li rrefera għad-dokument "*Unaudited Financial Statements 1-01-2010 to 31-12-2010'* li ġie ippreparat mill-*Accountants* tal-Kunsill u mqassam f'din il-laqgħa lill-membri kollha.

**3.2** Is-Sur Cutajar spjega li l-Kunsill kellu dħul ta' €499,976 u nefaq €409,260 li ħalla bilanċ pożittiv ta' €90,716, b'kuntrast qawwi mas-sena l-oħra meta l-Kunsill kien f'deficit ta' €76,342.

**3.3** Dan ifisser li mhux talli l-Kunsill irkupra l-iżbilanċ li kellu anzi laħaq bilanċ pożittiv qawwi din is-sena. Irkuprar mill-izbilanc

**3.4** L-*Accountant* spjega li l-flus dovuti mill-WSC sa mis-sena 2002, li skont is-Sage jammontaw għal-€18,548, minnhom kellhom jitnaqqsu €4,352 bħala flus li mhux ser jiġu rkuprati. Il-kumplament huma skont il-ftehim li kien intlaħaq maċ-*Chairman* tal-WSC għal meta jsir xogħol fit-toroq mill-Kunsill li ma jkunx fil-programm tal-WSC. WSC

3.4.1 Is-Sindku ikkonferma li l-WSC ser japplikaw dan il-bilanċ meta l-Kunsill jagħmel proġetti fit-toroq fil-futur.

**3.5** L-*Accountants* spjegaw li l-investiment tal-Kunsill fil-*Joint Venture* tal-Ground inizjalment kien ta' €46,587. Ibbażat fuq l-ishma tal-Kunsill qiegħed jirriżulta li l-Kunsill għadu jagħmel telf minn dan l-investiment. Huma qalu wkoll li l-kotba tal-ground qatt ma ġew awditjati. Joint Venture

3.5.2 Is-Sindku irrimarka li dan ir-riżultat jista' jservi ta' bażi biex il-Kunsill jiftaħ kawża lill-Kuntrattur D. Mizzi dwar il-ħsara tat-*turf* li qed tikkaġuna telf mid-dħul.

3.5.3 Is-Sur L. Bonavia qal li jekk ikollna l-kotba awditjati iżjed ikollna bażi b'saħħitha għall-kawża.

3.5.4 Is-Sur A. Craig qal li l-awditjar irid isir sa mill-ewwel sena li tista' tkun spiża kbira.

**3.6** Is-Sur R. Cutajar qal li l-Kunsill kien baqgħalu flus il-bank €93,642 wara li tnaqqsu l-ispejjeż kollha. Dan jirriżulta wkoll li l-Kunsill m'għamilx *Major Patching* bħas-sena l-oħra. Flus fil-Bank

3.6.1 Il-Viċi Sindku irrimarka li ma kienx validu li nagħmlu *Major Patching* meta applikajna għall-iskema ta' *resurfacing* PPP li ġiet aċċettata l-ewwel prijorita' tagħna.

**3.7** Is-Sur Cutajar qal li din is-sena il-Kunsill daħħal €5,000 mis-sistema LES u dawn ġew ikkalkulati bħala flus iġġenerati. Fl-estimi tas-sena l-oħra il-flus pendenti dovuti mill-LES ġew imneħħija mill-kotba. LES

3.7.1 Is-Sindku qal li issa r-Reġjun ser jieħu l-flus kollha li jidħlu mill-kontravenzjonijiet.

**3.8** Dwar il-*Fixed Asset Register*, is-Sur Cutajar qal li dan qed jaqbel man-*Nominal Ledger*. FAR

**3.9** Is-Sur Cutajar qal li jirriżulta li l-Kunsill jinsab '*underinsured'* fl-assi u jinħtieġ li jgħolli l-*premiums*. insurance

**3.10** Il-*Capital Commitments* għas-sena 2011 jammontaw għal €218,720. Capaital Commitments

**3.11** Finalment, *l-Accountants* qalu li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni pożittiva finanzjarjament. Finanzi pozittivi

**3.12** Fuq proposta tas-Sindku, issekondat mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament mal-Estimi Finanzjarji kif ippreparati mill-*Accountant* u ppreżentat fil-laqgħa (App. 1). Approvazzjoni tal-Estimi

**3.13** Is-Sindku u s-Segr. Eżekuttiv iffirmaw id-dokument li ser jintbagħtu kopji tiegħu lill-Awditur Ġenerali, l-Awdituri 3a, u d-Dipartiment Gvern Lokali. iffirmar

## *4.0 Għeluq tal-Laqgħa*

**4.1** Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata *sine die* filwaqt li s-Sindku irringrazzja lill-*Accountants* s-Sur R. Cuatajar u s-Sur A. Craig.

**Maurice L. Mallia**
**Segr. Eżek.**
23/2/2011

**Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**